**Nomina ta’ Ronald Micallef bħala**
**Ambaxxatur ta’ Malta għall-Etjopja u l-Unjoni Afrikana**

**Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. Fit-tieni paragrafu tas-CV tiegħek hemm imsemmi li inti ħdimt għal aktar minn għoxrin sena fuq "Africa-related portfolios". Tista' telabora ftit aktar dwar dan? Dan kif ser jgħinek fil-qadi ta' dmirijitek f'każ u meta tinħatar Ambaxxatur ta' Malta għall-Etjopja u l-Unjoni Afrikana?**

Ara mistoqsija numru 2 tal-mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni, fejn weġibt sostanzjalment għal din il-mistoqsija. Fuq dan inżid:

Inħoss illi matul il-karriera tiegħi fl-Afrika għaddejt minn esperjenzi varji illi jservu mhux biss fl-isfond politiku u kulturali, imma wkoll biex il-leħen ta’ Malta fl-Afrika jkun wieħed marbut mal-esperjenza attwali Afrikana. Kelli x-xorti ngħix fil-qrib mal-poplu Afrikan b’aċċess dirett għall-ħsibijiet, it-tamiet u l-esperjenzi ta’ kuljum tagħhom - kemm ma’ politiċi kif ukoll ma’ nies komuni ta’ kull razza, twemmin u abilità fiżika (punt interessanti - 10% tal-poplu tal-Etjopja huwa nieqes mid-dawl ta’ għajnejh). Għandi idea tajba tad-dettalji ta’ dan il-pajjiż - kemm jiswew l-affarijiet, x’inhuma l-pagi, kif twassal prodott minn post għall-ieħor. Dan il-livell ta’ dettall huwa importanti ħafna għall-kummerċ u mhux faċli ssibu Malta.

Nifhem il-kburija tal-popli tal-Afrika fil-progress li għamlu f’dawn is-snin. Fl-Etjopja, il-kisbiet tal-Ethiopian Airlines. Fin-Namibja, it-tkattir tal-ġid ambjentali. Fl-Afrika t’Isfel, il-passi li għamlu, minkejja kollox, fl-implimentazzjoni ta’ kostituzzjoni ġdida wara l-*apartheid*. Dawn huma episodji li mhux biss qrajt dwarhom imma għexthom ħafna drabi b’kuntatti li llum huma parti minn dan il-progress. Dan ifisser illi nista’ nifhem u nsegwi mhux biss id-diskussjonijiet formali imma r-realtajiet, forsi mistura, li jakkumpanjaw ċertu pożizzjonijiet Afrikani.

Bħala Maltin għandna nkunu kburin bl-istorja ftit magħrufa li tgħaqqad l-Afrika mal-Ewropa b’Malta. Insemmi dawn l-eżempji. L-introduzzjoni tal-kafè fis-seklu 16 wisq probabbli sar minn Malta. Kien Andrea Debono, Malti mill-Isla, li probabbilment skopra s-sors tan-Nil Blu. Bosta Maltin għexu u taw sehemhom lejn l-istorja tal-Afrika tul iż-żmien, speċjalment kummerċjanti, baħħara u suldati Maltin taħt kmand Ingliż. It-Telegraph u l-linja tal-ajru għall-Afrika kienu jibdew għall-Afrika minn Malta. Sat-tmeninijiet l-Aeroflot kien itir bejn Akkra, Malta u Moska. Hemm ħafna iktar dwar dan.

Fuq livell politiku - Malta kienet l-isfond għall-ftehim ta’ Lancaster House li wasslet għall-Indipendenza taż-Żimbabwe fit-tmeninijiet. Kien taħt il-patronċinju tal-E.T. Guido de Marco, bħala President tan-Nazzjonijiet Uniti, illi n-Namibja kisbet l-Indipendenza. Huwa konsulent Malti, imqabbad mill-Commonwealth, illi għen lis-Swaziland tibni struttura ta’ e-parliament. Dawn huma punti li ma jintessew qatt fl-Afrika, imma li ftit niftakkru hawn.

Ix-xogħol li għamilt matul is-snin, speċjalment ma’ għalliema u żgħażagħ, rawmu fija apprezzament għall-ħolma tal-futur ta’ dan il-kontinent. Kontinent illi bħala Maltin għandna wkoll ħafna x’nitgħallmu minnu. Kontinent fejn għandna bżonn nisimgħu qabel nitkellmu.

**2. Kif qed tara li qed tiżviluppa l-Unjoni Afrikana, b'mod partikolari sabiex iġġib stabbilità politika u żvilupp ekonomiku fil-kontinent?**

L-Unjoni Afrikana, li kompliet fuq ix-xogħol fejjiedi tal-Organization for African Unity (OAU), ħolqot arja ta' stabbilità u paċi fil-kontinent Afrikan, li ma kienx il-każ meta twaqqfet għoxrin sena ilu, però hemm ħafna kontradizzjonijiet li nridu nifhmu aħjar.

Filwaqt illi l-OAU uriet biċ-ċar illi ser turi snienha ma' pajjiżi li ma jsegwux in-normi internazzjonali (pereżempju n-Niġer, il-Mauritania, il-Guinea u Madagascar ġew imkeċċija), oħrajn tħallew kwieti, pereżempju l-President Mugabe fiż-Żimbabwe u l-President al-Bashir fis-Sudan. Mugabe fil-fatt okkupa l-ogħla kariga fl-OAU, eżempju ċar fejn ix-xettiċiżmu lejn din l-organizzazzjoni għandu għeruq. Min-naħa l-oħra, jista' jsir l-argument illi l-pożizzjoni tal-OAU dwar il-Libja ma kinitx żbaljata għall-aħħar. Huma x'inhuma l-ħsibijiet, huwa ċar illi l-OAU għandha rwol importanti fil-futur.

Dawn iż-żminijiet huma kruċjali għall-OAU. Fost *websites* utli, li jagħtu ħjiel tad-tibdiliet mistennija taħt Paul Kagame tal-Irwanda bħala ċerman, nirreferi għal : http://www.theafricareport.com/East-Horn-Africa/african-union-kagame-takes-the-reins.html. Ta' min wieħed jinnota dawn il-punti:

a) L-importanza u l-leħen li għandhom il-pajjiżi 'żgħar' bħall-Irwanda fl-OAU, kif ukoll ta' *blocks* fi ħdan din l-Unjoni. Xhieda tax-xogħol li hemm bżonn nagħmlu mal-pajjiżi ż-żgħar bħala ċavetta għall-pajjiżi l-kbar tal-Afrika.
b) L-enfasi fuq iż-żamma tal-paċi u l-kummerċ (*Continental Free Trade Agreement*) fi sfond fejn l-Ewropa qed tikkompeti maċ-Ċina, it-Turkija, il-Pajjiżi tal-Golf u – dalwaqt - l-Ingilterra (wara Brexit).
c) Problemi bil-baġits u l-viżjoni ġdida li ser tiffoka fuq is-sigurtà.

Għal dak illi għandu x'jaqsam mal-interessi Maltin, dawn huma ftit mill-punti importanti li dwarhom għandna nħejju pożizzjoni:

a) Il-migrazzjoni u l-OAU speċjalment fl-isfond tal-Valletta Migration Summit 2015. Huwa importanti ħafna li nsegwu din id-diskussjoni kemm mill-kurituri ta' Brussell kif ukoll minn Addis Ababa. Niġbed l-attenzjoni għal diskors riċenti tal-President tal-Ghana. Ara: https://www.youtube.com/watch?v=yfqzVKV_ORI
b) Is-sitwazzjoni fil-Libja titlob ukoll konoxxenza tal-pożizzjoni tal-OAU, li tagħha l-Libja hija membru. Il-paċi u s-sigurtà fis-Somalja (ukoll Sudan t'Isfel) huma wkoll marbutin ma' żviluppi f'Addis Ababa. (F'Malta għandna għadd kbir ta' rifuġjati Somali).
c) Ir-rabta tal-OAU maċ-Ċina hija ta' rilevanza u interess għal Malta, speċjalment mil-lat ekonomiku bħala parti minnChina Silk Route. Mossi mit-Turkija u r-Russja biex ikollhom preżenza aktar qawwija fl-Afrika. Inżidu wkoll l-Ingilterra (Brexit) illi qed tagħmel '*charm offensive*' qawwija fl-Afrika.
d) Il-politika Amerikana fl-Afrika, speċjalment l-AGOA u l-impatt tal-EPAs wara Brexit, għandhom ikunu ta' interess kbir għall-Afrika. Insemmi wkoll il-COMESA, kif ukoll il-GPRD illi ser jiġi fis-seħħ fix-xhur li ġejjin, u li ser toħloq problemi kbar, li wkoll joffru opportunitajiet għal Malta - jekk nagħrfuhom.
e) Il-potenzjal għal Malta għal *lobbying* internazzjonali ġewwa l-OAU. Il-pożizzjoni tal-EU dwar l-OAU, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mal-EPAs.

S'issa Malta hija waħda mill-erba' pajjiżi fid-dinja li m'ghandhiex rappreżentazzjoni diretta f'Addis Ababa.

**3. Kemm għixt b'kollox fil-kontinent Afrikan?**

L-esperjenza tiegħi fl-Afrika bdiet fl-1994 u kompliet kif ġej:

*1994 sa 2000 - Studji dwar l-Afrika (post graduate) minn Londra*

1. Bħala *course director* mal-Università ta' Londra kont responsabbli għat-taħriġ ta' 200 għalliem imferrxa madwar il-Mozambique. Dan kien proprju fit-tmiem tal-gwerra ċivili u ħafna mill-għalliema kienu ex-suldati. Għal erba' snin kont inżur il-Mozambique erba' darbiet fis-sena u għalhekk qattajt madwar ħames xhur fis-sena ngħix fir-reġjun ta' Nampula, 1500 km 'l bogħod mill-belt kapitali, Maputo.
2. Fil-bqija taż-żmien, kont inkarigat mir-riċerka tal-BBC World Service fuq l-użu tar-radju bħala strument ta' edukazzjoni. Dan kien ifisser li kont nikteb programm għas-servizz Afrikan u nsiefer sabiex nirrikordjaw il-programm fil-post. Għaldaqstant kont midħla tan-Niġerja, il-Botswana, iż-Żambja u pajjiżi oħra matul dan iż-żmien, permezz ta' programmi edukattivi tal-BBC World Service.
3. Kont nikkontribwixxi għal konferenzi internazzjonali dwar l-edukazzjoni, dejjem fl-Afrika, għalkemm tajt *workshops* u lekċers ukoll fil-Vjetnam.

Bħala total ta' żmien li qattajt fl-Afrika matul dawn is-sitt snin, bejn wieħed u ieħor għamilt 3-4 snin.

*Mill-2007 sal-2012 - Namibia (4 snin)*

Għext u ħdimt f'dan il-pajjiż għal erba' snin mal-familja u t-tifla twieldet fWindhoek.

*Mill-2012 sal-2017 - Etjopja (5 snin)*

Għaldaqstant, għext 11-il sena fl-Afrika fuq medda ta' 24 sena - bir-realtajiet kollha ta' sigurtà, aċċess għall-isptarijiet, il-ħwienet, l-ikel differenti u l-iskejjel, imma dejjem ma' popli illi lejhom għandi stima kbira.

**4. Kif qed tara li jistgħu jiżviluppaw ir-relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u l-Etjopja, speċjalment minn ottika politika, kulturali u fuq kollox ekonomika u kummerċjali?**

Il-ftuħ ta' forma ta' rappreżentazzjoni f'Addis Ababa (ukoll jekk għalissa mhux residenti) huwa punt storiku fl-istorja bejn l-Afrika, l-Etjopja u l-madwar, u Malta. Niffokaw fuq l-Etjopja.

***A. Politika***

Il-problemi tal-lum fl-Etjopja bdew mal-mewt ta' Meles Zenawi fl-2015, u l-istorja li qed tiżvolġi bħalissa fl-Etjopja hija waħda illi għandha għeruq storiċi fondi, b'rabtiet ma' pajjiżi oħra u intriċċi aktar wiesgħa. Malta għandha tkun attenta. Dak li huwa ċar hu illi l-eġemonija tal-gvern preżenti, TPLF, mhijiex waħda sostenibbli u bilfors iridu jsiru riformi.

a) Mhu fl-interess ta' ħadd illi l-Etjopja tiġi distabilizzata. Il-fatturi huma bosta (il-kontroll tan-Nil, l-istati tal-Golf, il-politika Amerikana u oħrajn). Għal Malta, hemm impatt immedjat jekk l-affarijiet imorru għall-agħar: żieda fil-migrazzjoni lejn il-Mediterran. Ukoll, f'Malta hawn numru mhux ħazin ta' Oromi u fuq dan irridu noqogħdu wkoll attenti. Il-pożizzjoni tal-EU mhux dejjem ċara, minħabba interessi diversi fi ħdan l-EU. L-Italja, perezempju, għandha leħen qawwi fl-Etjopja (speċjalment mal-Oromi).

b) L-Etjopja qed tifhem aħjar lil Malta. F'dawn l-aħħar snin kien hemm bidla kbira fl-atteġġjament tal-Etjopja lejn pajjiżna. Minn 'pajjiż żgħir' u mhux meqjus, sirna 'pajjiż strateġiku', grazzi għall-interess u l-kuntatti li sawwarna dan l-aħħar. Huwa għalhekk li saru

numru ta’ żjajjar lejn pajjiżna mill-Ambaxxata tal-Etjopja, sabiex jifhmu aħjar kif u għaliex għandhom jikkollaboraw ma’ pajjiżna. L-Etjopja qatt ma kellha politika ċara lejn il-Mediterran. Issa huwa ċar li dan huwa nuqqas illi għandhom jindirizzaw, u għalhekk iħarsu lejn Malta għall-għajnuna f’dan il-qasam (EuroMed, diplomazija, eċċ). Aħna wkoll għandna bżonn netwerk sod fl-Afrika. Interessanti wkoll ninnotaw l-importanza li tingħata lil DiploFoundation mill-gvern tal-Etjopja. Fit-12 ta’ April 2018 ġejjin uffiċjali għolja mill-Etjopja għal taħditiet dwar il-kummerċ, it-tassassjoni doppja, eċċ. Kollox jindika li hemm interess li nibnu relazzjonijiet soda u fit-tul. Il-ħatra ta’ Ambaxxatur Malti ddedikat lejn dan il-pajjiż ser jgħin ħafna.

c) L-Etjopja huwa stat li qed jiżviluppa klassiku, li jaħdem bi pjanijiet ta’ ħames snin. Il-pjan ekonomiku preżenti jiskadi fl-2020. Għalhekk hu importanti li nersqu viċin tal-Etjopja kemm jista’ jkun malajr – immedjatament jekk jista’ jkun - kemm biex nifhmu aħjar min ser ikunu l-mexxejja l-ġodda ta’ dan il-pajjiż, kif ukoll biex inkunu minn ta’ quddiem għall-kuntratti kummerċjali. Għalhekk ukoll l-appuntament tat-12 ta’ April huwa relevanti għal Malta.

d) Għadu kemm tnieda l-European External Investment Plan, illi huwa ta’ importanza politika, kif ukoll ekonomika, għal pajjiżna fl-Etjopja. F’dan il-kuntest ma nistgħux ma nsemmux il-liġijiet ġodda ta’ protezzjoni tad-data i.e. GDRP (*data protection*) illi huwa ta’ importanza fundamentali għall-Etjopja. Din hija leġiżlazzjoni li toħloq ħafna problemi, imma li tista’ tkun opportunità għal Malta. Ara http://www.itwebafrica.com/m/news/2307jwlk4WKjK

e) Huwa mistenni illi l-Prim Ministru ġdid għall-Etjopja jiġi nominat fil-ġranet li ġejjin. Sakemm dan iseħħ irridu nistennew u nsegwu mill-qrib l-iżviluppi. Sadanittant, il-problemi li għaddej minnhom dan il-pajjiż illum huma opportunità sabiex insibu saqajna f’dan il-pajjiż, illi kollox ma’ kollox joffri opportunitajiet kbar għal Malta. Filwaqt illi nistennew li tiżvolġi s-sitwazzjoni politika, hemm ħafna xi jsir biex Malta tkun lesta għall-kummerċ, u dan għandu jkun il-pjan ta’ ħidma għal din is-sena.

***B. Kummerċ***

Għalkemm il-figuri għall-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi jidhru baxxi, dan mhux il-każ billi ħafna mill-prodotti Maltin esportati lejn l-Etjopja jgħaddu minn Djibouti u għalhekk ma jidhrux fil-klassifika. Fost il-kumpaniji li jaħdmu fl-Etjopja hemm kumpaniji Maltin li jesportaw l-ikel, servizzi ta’ ilma u *boreholes,* kif ukoll mediċini, assigurazzjoni u servizzi ta’ portijiet (krejnijiet eċċ). Il-potenzjal għat-tkabbir huwa ferm ikbar. Dawn fost oħrajn:

- L-edukazzjoni u stampar ta’ kotba tal-iskejjel;
- Is-servizzi ta’ manutenzjoni (Airbus);
- Is-servizzi marittimi;
- It-teknoloġija tal-informatika
- L-immaniġġar tal-iskart*;*
- Il-kostruzzjoni.

Huwa ċar illi popolazzjoni ta’ mitt miljun toffri opportunitajiet kbar. Sabiex dan iseħħ, jeħtieġ li jittieħdu numru ta’ passi:

- Rappreżentazzjoni diplomatika;
- Ftehim dwar it-taxxa doppja;
- *Letters of credit* u introduzzjoni (banek u liġijiet);
- Ftehim mal-kamra tal-kummerċ;
- Aġenti fil-post;

- Missjonijiet kummerċjali;
- *Visas* għall-Maltin biex, bħal Ewropej oħra, niġbru l-*visa* mill-ajruport.

Aspetti oħra fil-ħolqa ta' sistemi li jwasslu għall-kummerċ huma diskussjonijiet mal-Ethiopian Airlines u mal-Port ta' Djibouti, li ġew mibdija imma huwa ċar ħafna illi għandhom bżonn ta' rappreżentanza uffiċjali biex imexxu. Tajjeb niftakkru illi s'issa f'Malta m'għandniex konnessjoni waħda diretta bl-ajru bejn Malta u l-kontinent Afrikan, u dan huwa ta' xkiel għall-kummerċ Malti.

***Kultura***
Dwar il-kultura, hemm ħafna xi ngħid. L-Etjopja tħaddem kalendarju u ħin differenti mill-bqija tad-dinja. Din is-sena hija l-2011 skont il-Kalendarju Etjopjan. Il-matematika tradizzjonali tal-Etjopja hija differenti wkoll (ara https://youtu.be/uXOTKidm7AO *Ancient Maths of Ethiopia* - punti interessanti għall-għalliema Maltin fl-isforzi għall-integrazzjoni).

Il-Maltin fl-Etjopja huma magħrufin l-aktar għax-xogħol missjunarju u r-reliġjon. Ara pereżempju dan il-filmat tal-Imperatur Selassie ġewwa Malta f'pellegrinaġġ lejn il-gzejjer ta' San Pawl, bħala punt ta' interess kemm għal Pawlini Maltin, kif ukoll għad-devoti ta' San Ġorġ. Ara https://www.youtube.com/watch?v=p8N2sjyBjWs

Aspetti oħra tar-rabta bejn Malta u l-Etjopja fil-kultura jinkludu:

- Opportunitajiet fis-settur ta' kreattività u l-ekonomija kreattiva, pereżempju *film*, logħob diġitali. Kemm fl-Etjopja kif ukoll fl-Unjoni Afrikana, bħala parti minn EUNIC (EU National Institutes of Culture).
- Il-migrazzjoni u l-kultura: Integrazzjoni, inkluża re-integrazzjoni ta' Etjopjani li jridu jmorru lura f'pajjiżhom, kemm mil-lat kulturali kif ukoll mil-lat prattiku eż. b'kollaborazzjoni mal-IOM.
- Addozzjoni: F'Addis Ababa hemm numru ta' sorijiet Maltin li jagħmlu xogħol eċċellenti f'dan il-qasam. Madwar 80 tifel u tifla mill-Etjopja ġew addottati f'Malta. Ara https://www.youtube.com/watch?v=F7Ygp9bzxR0 u https://www.facebook.com/search/top/?q=kidane%20mehret%20children%20in%20malta
- Il-komunità Etjo-Eritrea fil-Belt u l-ħajja kummerċjali u soċjali ta' din il-komunità li tgħix fostna, pjuttost fil-paċi.

Fl-aħħar nett, ta' min insemmu l-*Overseas Development Aid*. L-Etjopja tirċievi għajnuna minn Malta f'dan il-qasam u jista' jsir ħafna iktar ġid permezz ta' ambaxxata. Punti oħra ta' interess huma:

- Xjenza u riċerka - Afrika u Malta, Kultura u kreattività, marittima;
- Etjopja u l-pajjiżi tal-madwar speċjalment Somalja u Djibouti;
- Malta, AU u multilateraliżmu speċjalment mal-pajjiżi żgħar;
- Pajjiżi oħra ta' interess għal Malta, bħall-Angola, l-Afrika t'Isfel, is-Sudan;
- Malta u l-Italja fl-Afrika;
- Brexit u Malta fl-Afrika.

***Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni***

**1. Minn dak li ġie mressaq lilna, jidher li l-karriera tiegħek kienet iffukata l-iktar fuq il-**

**qasam tal-edukazzjoni. Tista' tgħidilna jekk f'xi żmien kellekx taħriġ fid-diplomazija jew ġejtx espost għall-programmi dwar il-politika barranija?**

Fost il-kwalitajiet u esperjenzi li nqis bħala importanti għal din il-kariga, rawwimt esperjenza wiesgħa u relevanti fil-qasam tal-politika barranija Afrikana u kelli x-xorti ngħix u naħdem f'għadd ta' pajjiżi fl-Afrika (16-il pajjiż) f'karigi varji li kelli mal-Università ta' Londra, mal-British Council, mal-Malta Enterprise u ma' Trade Malta, li fihom kont responsabbli għal firxa ta' attività madwar il-bqija tal-kontinent Afrikan.

Fuq medda ta' snin speċjalizzajt fl-Afrika f'dak li jissejjah '*soft diplomacy'*. Il-British Council huwa magħruf internazzjonalment bħala wieħed fost l-aqwa organizzazzjonijiet fid-dinja għal dak li għandu x'jaqsam ma' *soft diplomacy* - kunċett li ngħata spinta fis-snin 90 minn esponenti bħal Joseph Nye. (https://www.britishcouncil.org/organisation/policy-insight-research/insight/soft-power-2016). Bħala Direttur tal-British Council gawdejt minn taħriġ kontinwu f'dan il-qasam, waqt li tajt kontribut fis-settur tal-edukazzjoni u l-iżvilupp fl-Afrika, u fit-trawwim ta' dimensjoni Mediterranja minn Malta (ara https://www.timesofmalta.com/articles/view/20070619/local/british-council-malta-opts-for-wider-med-dimension.14027).

Mill-edukazzjoni u għajnuna għall-iżvilupp għaddejt għas-settur tal-kummerċ u l-intrapriża fi ħdan il-Malta Enterprise u Trade Malta, dejjem bħala espert fuq is-suq Afrikan. It-transizzjoni minn edukatur għal esponent ta' *soft diplomacy* u minn hemm għall-kummerċ kienet waħda organika. Il-British Council stess qaleb mill-kunċett tal-edukazzjoni bħala *public good* għal definizzjoni u prattika aktar kummerċjali, u din il-bidla seħħet matul iż-żmien li kont fi ħdanu. B'hekk it-tagħlim tal-Ingliż ma baqax 'rigal' imma sar prodott bil-ħlas, normalment imħallas minn gvernijiet jew entitajiet multilaterali. Bħala direttur, ix-xogħol tiegħi, flimkien ma' żewġ *managers* oħra għall-Afrika, kien li noħolqu industrija sħiħa tat-tagħlim tal-Ingliż bħala servizz u prodott lil sistemi nazzjonali Afrikani. Hu għalhekk illi l-kariga li kelli bħala direttur ta' *business stream* (*Connect*) kienet fil-fatt waħda kummerċjali u għal dan ir-rwol ġejna preparati tajjeb (*Project management, financial planning, e-services, risk management*, eċċ).

Riċentement ħadt sehem f'kumitati fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ, pereżempju l-Cultural Diplomacy Fund (f'kariga ta' *Chairman*), u l-Kumitat tal-*Overseas Development*. Attendejt ukoll laqgħat tal-Commonwealth eż. CHOGM Trade Forum u bħala rappreżentant tal-Ministru għall-Edukazzjoni rrappreżentajt lil Malta f'*workshops* dwar riformi fl-edukazzjoni f'Nairobi (2016) u servejt bħala osservatur Malti fl-Unjoni Afrikana dwar il-politika komuni Afrikana għall-arti u l-kultura. L-esperjenzi li kelli mal-British Council kienu utli ħafna għal *networking*, speċjalment fir-rigward tal-Commonwealth.

Dan l-aħħar wasalt biex spiċċajt kors fil-kummerċ internazzjonali, imniedi minn Trade Malta u akkreditat mill-Università ta' Malta, li qed jgħinni sabiex nifhem aħjar it-teoriji tal-kummerċ internazzjonali, waqt illi qed insir naf direttament ħafna mill-operaturi Maltin illi jixtiequ jesploraw is-suq Afrikan.

Attendejt kors fil-*Project Management*, sponsorjat mill-British Council, f'Marzu 2015 - kors utli ħafna għal min irid jaħdem fuq proġetti multilateral eż. ODA, EU u UN.

Attendejt ukoll numru ta' studji bħala parti minn kultura ta' żvilupp kontinwu fi ħdan il-British Council, pereżempju SSAFE *course* (Somalia Security Training) taħt l-awspiċi tal-UN, il-Kenya, li kopra numru ta' suġġetti importanti (*field first aid for emergency, hijack* u *convoys*) u ta' importanza għal din il-kariga kemm għalija personalment kif ukoll biex inkun f'pożizzjoni li nifhem il-ħtiġijiet taċ-ċittadini Maltin madwar l-Afrika.

**2. Jingħad fil-fatt li int għext u ħdimt f' 'Africa-related portfolios', tista' tindika jekk dawn kinux marbuta ma' setturi differenti minn dawk tal-promozzjoni tal-lingwa Ingliża u, ċjoè, development-aid?**

It-tagħlim tal-Ingliż u *development aid* huma l-qafas tal-esperjenza tiegħi matul is-snin - esperjenza li tinkorpora attivitajiet, kuntatti u informazzjoni li huma kruċjali għall-fini ta' diplomazija jew kummerċ. Nagħti bħala eżempju sensiela ta' proġetti u attivitajiet oħra illi tajt sehem fihom bħala *manage*r:

a) Tagħlim tal-Ingliż u komunikazzjoni għall-Parlamentari nisa (Namibja);
b) Tagħlim tal-Ingliż għal forzi tal-ordni (Namibja u Angola);
c) Tnedija ta' programm għat-tagħlim tal-Ingliż bil-mowbajl - rifuġjati fl-Etjopja;
d) Tagħlim tal-Ingliż u komunikazzjoni (Etjopja);
e) Tagħlim tal-Ingliż għas-settur taż-żejt u l-gass (BP Angola);
f) Tagħlim tal-Ingliż għall-ġurnalisti (Radio Mozambique);
g) Sensiliet tar-radju (BBC Africa);
h) Taħriġ ta' għalliema - Afrika (sa 500,000 għalliem) u taħriġ ta' għalliema nieqsa mid-dawl (Etjopja);
i) *Strategic Management Training* (Namibja) u kollaborazzjoni bejn l-Università tan-Namibja u Leeds Business School li wasslet għal programm tal-MBA f'dan il pajjiż;
j) Boroż ta' studju (Chevening - Malta u Namibja);
k) Arti, kultura u ekonomija kreattiva.

Għalhekk, xogħli kien ikopri setturi varji inklużi l-ġurnaliżmu, l-industrija taż-żejt u l-gass, l-immaniġġar, il-parlament, il-politika, l-edukazzjoni u l-militar - setturi li jmorru lil hinn mill-qasam strett tal-promozzjoni tal-lingwa u *development aid*. Din il-firxa ta' attività tirrikjedi riċerka u konoxxenza ta' programmi kemm nazzjonali kif ukoll multilaterali, madwar l-Afrika. Għalkemm ma nistax ngħid illi jien espert fuq kull pajjiż però nħoss illi għandi esperjenza importanti, u forsi unika, għal Malta fl-Afrika.

Billi ħafna minn dan ix-xogħol huwa forma ta' *tender* internazzjonali, hemm rabta kemm mad-dinja kummerċjali kif ukoll dik edukattiva li tirrikjedi esperjenza ta' negozjati ma' Ministeri u Awtoritajiet Nazzjonali, bħal *National Planning Commissions* permezz ta' MOUs governattivi. Għal dan il-għan, lestejt u ffirmajt MOUs mal-gvern tan-Namibja u ssottomettejt ftehim ġdid għall-fini ta' *Status and Tax* fin-Namibja sabiex noffru servizzi kummerċjali f'dan il-pajjiż.

Matul dawn l-aħħar tliet snin, fil-kariga ta' rappreżentant ta' Malta Enterprise fl-Afrika (Etjopja), ġejt ukoll espost għal diversi aspetti u rekwiżiti fl-oqsma tal-kummerċ u l-investiment permezz ta' riċerka u rapporti li jirrigwardaw setturi varji tal-ekonomija Afrikana kif ukoll *trade missions* u laqgħat formali li jservu ta' għajnuna kbira fil-promozzjoni tal-kummerċ bejn Malta u l-Afrika. Għalhekk inħoss illi l-ambiti ta' Ingliż u l-iżvilupp huma fil-fatt wiesgħa ħafna u jkopru setturi varji kummerċjali kif ukoll ħiliet illi forsi huma wkoll 'il bogħod mir-realtajiet tal-għalliema fil-klassi.

**3. F'dak li ġie għandna jidher li bejn l-2007 u l-2011 ġejt mibgħut fir-Repubblika tan-Namibja. Minn min ġejt mibgħut?**

Is-sistema ta' *deployment* tal-British Council teħtieġ evidenza ta' esperjenza ta' mill-inqas tlieta sa ħames snin fil-post b'*rating* konsistenti ta' mhux anqas minn 2 fuq skala ta' bejn 1 (għoli) sa 5 (baxx), kif ukoll evidenza ta' suċċess f'oqsma bħall-*financial management*, prominenza fid-diplomazija kulturali u parteċipazzjoni u suċċess kummerċjali f'proġetti ġodda, fost kriterji oħra. Għaldaqstant, il-proċess biex niġi mibgħut fir-Repubblika tan-Namibja kien ibbażat fuq meritokrazija, potenzjal – u fil-każ tiegħi jkolli ngħid, passjoni u ħeġġa għal dan ix-xogħol kif ukoll

evidenza ta' suċċess fir-rwol tiegħi bħala direttur f'Malta kif ukoll fil-BBC World Service u l-Università ta' Londra.

**4. Tul dan il-perijodu li kont qiegħed taħdem f'dan il-pajjiż, kellek laqgħat jew ħdimt ma' aġenziji marbuta mal-Ġnus Magħquda, mal-Commonwealth, mal-African Union jew mal-Unjoni Ewropea?**

Minkejja sforzi min-naħa tal-Gvernijiet, bħal dak Ċiniż, fis-settur kulturali u edukattiv, ir-Repubblika tan-Namibja żammet rabtiet tajbin mal-Unjoni Ewropea, speċjalment l-Ingilterra, fil-qasam edukattiv u kulturali. Il-Gvern Ġermaniz, pereżempju, li kellu l-problemi tiegħu fin-Namibja, ma ħelishiex daqshekk ħafif. Taħt l-awspiċi tal-Unjoni Ewropea f'Windhoek u flimkien ma' organizzazzjonijiet Franċiżi u Ġermaniżi, kont strumentali biex jitwaqqaf l-ewwel kumitat tal-EUNIC fin-Namibja (EU National Institutes of Culture) li nieda programmi kollaborattivi ta' ħidma.

Il-British Council kienet minn ta' quddiem ukoll fl-organizzazzjoni ta' programmi relatati mal-Commonwealth b'attività kulturali, skambji ta' għalliema, boroż ta' studju, assistenza teknika u skambji parlamentari. Tnedew kuntatti wkoll mal-Commonwealth of Learning tal-Commonwealth, f'Vancouver.

Sentejn ilu rrappreżentajt lill-Ministeru għall-Edukazzjoni ta' Malta f'laqgħa teknika dwar it-tiġdid tal-kurrikulum organizzata mill-Commonwealth Secretariat.

Il-kuntatti tiegħi mal-Unjoni Afrikana bdew fil-Mozambique u tqawwew fin-Namibja. Illum il-ġurnata nqis bħala ħbieb personali numru ta' uffiċjali fl-AU f'Addis Ababa. Waqt li kont ngħix Addis Ababa segwejt l-Unjoni Afrikana mill-qrib u attendejt ukoll laqgħat tagħha f'dan il-post.

**5. Ġejt f'kuntatt u ħdimt ma' pajjiżi fil-kontinent Afrikan fil-proċess tal-Cotonou Agreement?**

Il-Cotonou Agreement ikopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet u għalhekk huwa inevitabbli li kien parti minn xogħli fl-Afrika. Waqt li m'hemmx dubju li kien ta' importanza għall-iżvolġiment tar-relazzjoni bejn l-Ewropa u l-Afrika jeħtieġ illi l-Cotonou Agreement jitpoġġa fil-kuntest ta' llum, iktar u iktar billi issa beda d-djalogu post-Cotonou. FIl-fatt, il-Cotonou Agreement jiskadi dalwaqt fl-2020.

Il-Cotonou Agreement ġie ffirmat fl-2000. Żmien meta l-Afrika kienet deskritta minn Time *magazine* bħala kontinent fallut u meta l-irwol taċ-Ċina fil-kuntest Afrikan kien wieħed pjuttost limitat, filwaqt li fid-djalogu lejn l-Afrika kien hemm żbilanċ ċar ta' poter. Illum qed ngħixu f'kuntest ferm differenti. Bħala membru tal-Unjoni Ewropea, Malta wkoll għandha leħen importanti f'dawn id-diskussjonijiet, bħala pont bejn iż-żewġ kontinenti, billi ftit huma l-pajjiżi Ewropej li għaddew minn stat ta' kolonjaliżmu għal stat fi żvilupp mgħaġġel bħal tagħna. Malta tista' tkun pajjiż ta' eżempju fl-iżvilupp għal ħafna pajjiżi Afrikani. L-ewwel jeħtieġ insibu saqajna fl-Afrika. Huwa għalhekk illi hemm urġenza fil-ħatra ta' Ambaxxatur f'Addis Ababa.

Hemm bosta punti importanti fir-relazzjoni EU-Afrika illi dwarha hemm bżonn nieħdu pożizzjoni. EPAs (*Economic Partnership Agreements*) jinkwetaw ħafna pajjiżi Afrikani, speċjalment fl-isfond ta' Brexit. Il-futur tal-AGOA (*African Growth and Opportunity Act*) li suppost jibqa' fis-seħħ sal-2025. Attwalment ħadd ma jażżarda jistaqsi x'inhi l-pożizzjoni tal-Amerika dwar AGOA. COMESA huwa patt ieħor Afrikan li qed jinfirex fl-Afrika u huwa ta' importanza. Dawn id-diskussjonijiet huma fis-seħħ f'Addis Ababa u huma ta' importanza għal Malta fl-isfond tal-immigrazzjoni. Niftakkru li Malta wkoll ħadet inizjattiva importanti *viz.* il-Valletta Migration Summit 2015 illi kien ftehim li kien ħaqqu wisq aktar għarfien fl-Afrika. Hawnhekk, in-nuqqas ta'

preżenza f'Addis Ababa inħasset.

Cotonou huwa parti minn *jigsaw puzzle* akbar illi ser titlob attenzjoni diretta minn Malta kemm fil-kurituri ta' Brussell kif ukoll ta' Addis Ababa.

**6. Jidher li fil-karriera tiegħek huwa biss fl-2014 li ġejt impjegat fis-servizz tal-Gvern ta' Malta u għalhekk tista' tindika ma' min kont impjegat qabel?**

Kronoloġikament, l-impjieg tiegħi kien kif ġej:

| | |
|---|---|
| 1982 - 1987 | Student-ħaddiem |
| 1987 - 1989 | Għalliem, Bighi Skola tas-Snajja' Sekondarja, Santa Venera |
| 1989 - 1991 | Dip. TESOL (Post-grad.) Università ta' Londra |
| 1991 - 1992 | MA. TESOL – Università ta' Londra |
| 1992 - 1993 | Surrey Language Training, Farnham, Surrey |
| | Doctoral Student |
| 1994 - 2000 | Institute of Education, University of London |
| | Sekondat lil BBC World Service għal riċerka |
| 2000 - 2007 | Direttur British Council, Malta |
| 2007 - 2011 | Direttur British Council, Namibia |
| 2011 - 2014 | English Language Manager (Ethiopia and Regional), British Council |
| 2014 sal-lum | Malta Enterprise u Trade Malta. |

**7. Tista' tindika jekk kemm-il darba għandekx ċittadinanza doppja?**

Iva, għandi ċittadinanza doppja - Maltija u Irlandiża (Repubblika Irlandiża), din tal-aħħar biż-żwieġ. Mill-2000 'il quddiem, meta spiċċa dan iż-żwieġ b'divorzju, jien qtajt kull kuntatt ma' dan il-pajjiż.

Marti mit-tieni żwieġ hija Taljana. It-tfal għandhom ċittadinanza doppja - Maltija u Taljana - però m'għandi l-ebda rabta uffiċjali jew personali mal-Italja.

**8. Tista' tindika fuq liema programmi ħdimt u tippreżenta d-dokumentazzjoni relattiva tagħhom kif ukoll x'riżultati lħaqt tul iż-żmien li kont impjegat ma' Malta Enterprise sena b'sena?**

Matul il-medda tas-snin li ili ma' Malta Enterprise u Trade Malta, il-mira prinċipali kienet li nibnu relazzjoni kummerċjali vijabbli permezz ta' attività ta' żvilupp u *capacity-building* mal-Afrika fi sfond fejn, fil-verità, il-kuntatti uffiċjali huma ftit, filwaqt illi ċertu ideat sterjotipiċi pubbliċi dwar l-Afrika huma ħafna. Għalhekk l-ewwel sfida kienet li nfehmu lill-intrapriża Maltija l-opportunitajiet u r-riskji f'dan il-kontinent, konxji li għal ħafna Maltin l-esperjenza tal-Afrika tasal sal-Maghreb, speċjalment il-Libya. Kien hemm bżonn li niddefinixxu x'inhi l-Afrika għal Malta (statistika kummerċjali u pajjiżi ta' prijorità) u safejn tista' tasal inizjattiva Maltija f'dan il-kontinent. Kien għalhekk illi ppreparajt taħdidiet u djalogi kemm pubbliċi kif ukoll ma' udjenzi selezzjonati (eżempju l-Kamra tal-Kummerċ) dwar dan is-suġġett sabiex nibdew relazzjoni ġdida mal-Afrika b'mod sistematiku u sostenibbli. Bħala rappreżentant tal-Malta Enterprise kont minn ta' quddiem fil-progress li sar dan l-aħħar fl-Afrika, speċjalment fil-Ghana u l-Etjopja, u fil-ġimgħat li ġejjin fl-Afrika t'Isfel u n-Namibja, il-Botswana u Swaziland.

***A.* Policy *u Strateġija*** - Wara analiżi li għamilt dwar il-possibilitajiet, issa bdejna niffukaw fuq tliet reġjuni:
*Punent:* Ghana - Ghana tkopri n-Niġerja u l-pajjiżi tal-madwar, ħafna minnhom parti mid-dinja

Frankofona.

*Lvant:* Etjopja - B'aċċenn importanti lejn l-Unjoni Afrikana, l-Etjopja tkopri l-pajjiżi tal-madwar, fosthom Djibouti u Kenya, kif ukoll Sudan u s-Sudan t'Isfel.

*Reġjun tan-Nofsinhar:* Għalkemm l-Afrika t'Isfel għandha karatteristiċi importanti, huwa meħtieġ li nrawmu relazzjonijiet mal-'pajjiżi ż-żgħar' tal-madwar bħan-Namibja, il-Botswana eċċ.

Fl-ewwel sena ta' ħidma, iffukajt fuq l-Etjopja u r-reġjun tan-Nofsinhar. Fl-Etjopja fassalt numru ta' programmi li indirizzaw il-bżonnijiet tal-iżvilupp, speċjalment fit-tagħlim tad-diplomazija, iż-żejt u l-gass u l-investiment barrani dirett, li huma oqsma importanti għal Malta. Għalkemm kellna prodotti ta' interess (eż. taħriġ dwar iż-żejt u l-gass mill-Ministeru għaż-Żejt u l-Gass), sibna li ma stajniex niffirmaw kuntratti mal-gvern minħabba n-nuqqas ta' ambaxxata Maltija fl-Etjopja. Din hi lezzjoni importanti għall-futur: ma nistgħux nibnu relazzjoni kummerċjali f'dan is-suq mingħajr preżenza diplomatika.

Fin-Nofsinhar (l-Afrika t'Isfel u n-Namibja) kien hemm interess qawwi minn universitajiet fiż-żewġ pajjiżi għal MOU u pjan ta' ħidma ma' Malta, u fil-fatt delegazzjoni min-Nelson Mandela University għamlet żjara f'Malta għal dan il-għan, filwaqt illi UNISA (Università ta' Afrika t'Isfel) uriet interess f'Malta bħala pont bejn żewġ kontinenti. UNISA, speċjalment, hija ta' interess għal Malta (ara www.unisa.ac.za). Dawn il-kuntatti għadhom fis-seħħ u huma fil-mira tax-xogħol għal din is-sena.

Mill-Afrika t'Isfel nirrispondi għal għadd ta' mistoqsijiet tekniċi dwar investiment lejn Malta. Hemm il-ħsieb illi ssir żjara lejn dan il-pajjiż fix-xhur li ġejjin.

***B. Ghana*** - Il-ħidma mal-Ghana bdiet sentejn ilu mal-wasla tal-Ambaxxata tal-Ghana f'Malta - l-ewwel ambaxxata Afrikana f'Malta.
Ara: https://www.timesofmalta.com/articles/view/20170724/local/president-leads-trade-delegation-to-ghana.653879

Fost oħrajn, qbilna fuq programm ta' ħidma ma' parlamentari nisa f'kollaborazzjoni mal-Parlament ta' Malta. Dawn id-diskussjonijiet ħadu xejra oħra, aktar ambizzjuża, u wasslu għal żjara statali li saret f'Ġunju tal-2017. Jien tajt kontribut importanti f'din l-ewwel missjoni kummerċjali, fil-preparazzjonijiet għal din iż-żjara, li fiha pparteċipaw 21 kumpanija u li minnha ntrebħu għadd ta' kuntratti għall-intrapriża Maltija. Il-kelma issa daret f'Malta illi fl-Afrika hemm potenzjal. Dan kien messaġġ diffiċli ftit xhur ilu, iżda issa sar aċċettat. Minn Marzu 2017 sal-lum – f'sena biss - saru passi kbar. Biex nifhmu aħjar il-pass mgħaġġel tar-relazzjoni mal-Ghana, niftakru illi sa sena ilu dawn kienu biss ideat. Ara https://www.timesofmalta.com/articles/view/20170323/business-news/Trade-Malta-eyeing-Sub-Saharan-Africa.643268

Fix-xhur li ġejjin nistennew aktar żviluppi mill-Ghana, speċjalment wara żjara ftit ġimgħat ilu bejn il-Ministru tat-Turiżmu u r-Re tal-Ashante (Marzu 2017).

***Ċ. Ħidma għall-intrapriża Maltija*** - *Oltre* għal Ghana, fassalt programmi ta' familjarizzazzjoni għal kumpaniji Maltin li jixtieqi jidħlu fis-suq Afrikan, li kopra firxa ta' setturi bħal mediċina, edukazzjoni u l-istampar. Mhux il-każ illi jintrebħu kuntratti mil-lum għal għada, speċjalment meta nqisu illi l-isem ta' Malta fl-Afrika mhux magħruf. Irridu nqisu wkoll kemm domna bħala pajjiż biex nibnu r-rabta kummerċjali li kellna mal-Libya, li ma ssawrux f'sena. Iżda huwa ċar illi hemm potenzjal qawwi u interess f'dawn is-swieq pjuttost ġodda speċjalment meta qed naraw li diġà kellna suċċessi (eż. prodotti tad-tadam, teknoloġija, servizzi marittimi u oħrajn).

Ara bħala eżempju: https://www.ghanaweb.com/GhanaHomePage/NewsArchive/Ghana-National-Fire-Service-to-be-retooled-with-modern-firefighting-equipment-626875

Bħalissa qed isir xogħol importanti fir-reviżjoni tal-kriterji tal-ODA (*Overseas Development Aid*) li fih qed nikkontribwixxi bħala membru tal-Bord. Is-sehem tiegħi hu li nifli l-applikazzjonijiet li nirċievu u li nipparteċipa f'reviżjoni tal-kriterji, dejjem skont ir-regoli tal-OECD.

**9. Meta wieħed jikkonsidra l-ħidma diffiċli li hemm marbuta mal-pożizzjoni ta' Ambaxxatur, tista' tindika liema, fl-opinjoni tiegħek, huma l-kwalitajiet li jagħmluk idonju għal din il-ħatra?**

Għal din il-mistoqsija nirreferi għat-tweġiba ta' Hideo Kitahara**,** Ambaxxatur tal-Ġappun u rappreżentant għan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġinevra*:*
http://www.ediplomat.com/nd/essays/kitahara.htm.
Jolqtuni speċjalment dawn il-punti li, fil-fehma tiegħi, jirriflettu l-karatteristiċi li noffri u li, fil-fehma tiegħi, jagħmluni idonju għal din il-ħatra.

1. L-ewwel, li wieħed għandu jkollu għerf profond dwar problemi globali, kif ukoll il-kapaċità li jiffamiljarizza ruħu mas-sitwazzjoni globali u li janalizzaha fid-dettall u skont l-interessi tal-pajjiż.
2. It-tieni, li juża l-informazzjoni miġbura mill-ambaxxata għall-fini ta' influwenza fuq l-inizjattivi tal-gvern. Dan jagħmlu filwaqt li jrawwem kuntatti ġodda, kemm f'netwerks uffiċjali kif ukoll f'dawk soċjali.
3. It-tielet, li jżomm mentalità wiesgħa, ikun sensittiv għad-diversità kulturali u jkun kapaċi jifhem id-differenzi kulturali. Għandu jaħdem sabiex jippromwovi l-interessi nazzjonali filwaqt li jinkorpora dan ix-xogħol f'apprezzament tal-mod ta' kif is-sistema internazzjonali taħdem.

Inqis illi l-esperjenzi li għaddejt minnhom, kemm dawk professjonali kif ukoll dawk personali, li bħala familja magħquda għexna u rabbejna t-tfal fl-Afrika (u wellidna tifla fil-Namibja wkoll!), huma mhux biss relevanti, imma wkoll uniċi u f'waqthom għal pajjiżi. L-esperjenza tiegħi fi ħdan Malta Enterprise u Trade Malta matul dawn l-aħħar snin serviet bħala pass indispensabbli u quċċata fil-karriera tiegħi, li għinitni nifhem aħjar ir-realtajiet kummerċjali attwali ta' pajjiżna fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn Malta u l-Afrika. Matul il-karriera tiegħi żviluppajt sensittività għal prattiċi u kulturi differenti, ċertament kwalità bżonnjuża għall-ħatra bħal din, li tibni relazzjonijiet bejn pajjiżi kulturalment distanti. Il-pożizzjonijiet li okkupajt matul iż-żmien esponewni għal ħiliet ġodda, bħat-trawwim ta' kuntatti u netwerks importanti għal Malta.

Għalhekk inħoss illi ż-żmien u l-esperjenzi diversi li għaddejt minnhom sarrfu fi preparazzjoni soda għal dan l-inkarigu. Filwaqt li jiena konxju mir-responsabbilitajiet tal-kariga, inħoss illi nista' nkun ta' servizz għal pajjiżna u, b'sens ta' determinazzjoni, nista' nagħmel impatt siewi billi nibni strutturi u relazzjonijiet dejjiema bejn Malta u l-Afrika.

**10. Minn dak li ġejna infurmati jidher li int għandek il-pussess tal-lingwa Portugiża. Tista' tindika fl-liema livell tikkonsidra li għandek dan?**

Fl-Università ta' Londra għamilt kors tal-Portugiż u bejn l-1994 u 2000 qattajt żmien ngħix fi bliet rurali f'Mozambique, fejn kont nidderieġi programm ta' taħriġ għall-għalliema. Dak iż-żmien l-Ingliż fil-Mozambique kien ineżistenti waqt li l-*memos* tal-gvern u r-rapporti uffiċjali kienu kollha bil-Portugiż. Ma' kien hemm l-ebda għażla ħlief li nikkommunika bil-Portugiż biex ngħix. Komplejt nitkellem bil-Portugiż matul iż-żmien illi qattajna f'Addis Ababa, f'waqtiet soċjali fi ħdan l-Ambaxxata ta' Mozambique. Bħala livell uffiċjali, kif imkejjel mill-*Common European*

*Framework*, niddeskrivi lili nnifsi bħala bejn A1 u A2 i.e. biżżejjed sabiex insegwi attività soċjali u biex nikkommunika fil-ħajja ta' kuljum. *Oltre* l-Portugiż, nitkellem ukoll bit-Taljan - il-lingwa tad-dar u tal-familja. Ilħaqt livell għoli (C1) f'din il-lingwa, li hija ta' importanza fl-Etjopja, fejn jgħixu madwar 50,000 Taljan, li huma riżors importanti wkoll għall-kummerċ Malti fl-Etjopja. Forsi nistgħu nitkellmu iktar dwaru meta jiġi l-waqt.

Inżid ukoll illi, billi għext erba' snin f'Addis Ababa, kapaċi wkoll insellem lin-nies b'rispett, b'kultura xierqa u b'kull formalità meħtieġa bl-ilsien Amhariku, l-ilsien uffiċjali tal-Etjopja.

**Kumment tal-aħħar**

Nispera illi dawn it-tweġibiet kienu komprensivi biżżejjed bħala introduzzjoni, u nispera li jkollna l-opportunità li nitkellmu fuq dawn il-punti u oħrajn kif jogħġob lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi fil-ġranet li ġejjin.

Grazzi.

Ronald Micallef, Marzu 2018

---